MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 1/2012

Mobisle Communications Ltd.

vs

Melchiore Dimech

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-ghaxra (10) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta’ hames mija u erbgha u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€544.96) liema ammont huwa fi hlas ta’ servizzi ta’

telefonija cellulari fil-kont numru 242416. Dan bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita ai termini ta' l-artikolu 1668 tal-Kap 12 tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

It-Tribunal ra r-riferta negattiva tal-konvenut kemm meta sar tentattiv ta' notfika bil-posta registrata kif ukoll meta sar tentattiv ta' notifika permezz tal-purtier.

Ra d-digriet tieghu ta' l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn awtorizza n-notifka tal-konvenut permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni.

Ra r-riferti ta' tali notifika a fol 13 u 14 ta' l-inkartament tal-process.

Ra ukoll il-publikazzjoni maghmula fil-gazzetta The Times tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra illi l-konvenut debitament notifikat bil-publikazzjoni u affissjoni qatt ma prezenta risposta u qatt ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba.

Sema' ix-xhieda ta' Emanuel Cini moghtija fis-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra wkoll d-digriet tieghu tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu iddeferixxa in difett ta' ostakolu, din il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum .

Ikkunsidra.

Illi wara li saret in-notifika permezz ta' publikazzjoni u affissjoni, l-konvenut Melchiore Dimech la deher biex jikkontesta t-talba quddiem it-Tribunal u lanqas ma' prezenta risposta.

Illi n-notifika bil-publikazzjoni u l-affissjoni saret f'dati differenti bl-ahhar wahda tkun il-publikazzjoni fil-gazzetta The Times fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012). Ghalhekk fis-seduta tas-seba (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) peress illi t-terminu stabilit mil-ligi li fih il-konvenut huwa intitolat jipprezenta risposta kien ghadu ghaddej, il-kawza giet differita ghas-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax fit-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (3.15 pm). Dakinhar kien l-ahhar jum illi fih il-konvenut seta jipprezenta r-risposta tieghu. Illi sat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) sal-hin li fih ghalaq ir-registru fit-3.00 pm il-konvenut baqa ma dahhalx risposta. Illi fiz-zewgt seduti mizmuma fl-istess jum il-konvenut l-anqas deher quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal sema' bil-gurament lil Emanuel Cini, impjegat fil-Credit Control Section tal-kumpanija attrici liema xhud ikkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut fl-intier tieghu. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi dawn jikkorraboraw dak li xehed l-istess Emanuel Cini.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi u l-provi kollha u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu illi t-talba tal-kumpanija attrici hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-kumpanija attrici, jikkundanna lill-konvenut Melchiore Dimech ihallas is-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€544.96). Bl-imghax mil-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) jkunu kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------